MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 420/2004

**Avviz numru 420/04 DM**

**The Food House Limited**

**Vs**

**Crown Hotels Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ elf, tmin mija u dsatax-il lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm1,819.72) rappresentanti ammont bilancjali lilha dovut ghall-merkanzija lilhom mibjugha u kkonsenjata f’diversi dati qabel il-31 ta’ Dicembru, 2001.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra nterpellatorja tat-18 ta’ Frar, 2004, u bl-imghax legali mill-1 ta’ Jannar, 2002, sal-

pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati la kkontestaw it-talba attrici u lanqas ma baghtu rappresentant sabiex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni .

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qedgha tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna l-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta’ elf, tmien mija u dsatax-il lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm1,819.72), ghar-ragunijiet indikat fl-avviz, bl-imghaxijiet legali mill-1 ta’ Jannar, 2002.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------